



Brussell, 6 ta' Diċembru 2018  
(OR. en)

14806/18

COSI 298  
JAI 1214

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Diċembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14578/18	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-direzzjoni strateġika futura fil-qasam tas-sigurtà interna - Konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Diċembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-direzzjoni strateġika futura fil-qasam tas-sigurtà interna, adottati mill-Kunsill fit-3661 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Diċembru 2018.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-direzzjoni strateġika futura fil-qasam tas-sigurtà interna**

**II-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

WARA LI KKUNSIDRA l-"Aġenda Strateġika għall-Unjoni fi Żminijiet ta' Bidla" adottata mill-Kunsill Ewropew fis-26 u s-27 ta' Ġunju 2014,

WAQT LI JIEĦU INKUNSIDERAZZJONI l-"linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġislattiv u operazzjonali għas-snin li ġejjin fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja" tas-27 ta' Ġunju 2014,

WARA LI KKUNSIDRA l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020,

FILWAQT LI JIBNI FUQ il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020,

BIL-ĦSIEB tal-isfidi fil-qasam tas-sigurtà interna u l-ħtieġa li tirriżulta biex isir progress lejn Unjoni tas-Sigurtà ġenwina,

WAQT LI JIEĦU INKUNSIDERAZZJONI l-kontributi li ngħataw permezz tal-"proċess ta' Vjenna" li nbeda f'Lulju 2017,<sup>1</sup> il-G-6 u xenarji informali oħra stabbiliti mill-Istati Membri f'dan il-qasam,

WAQT LI JIEĦU INKUNSIDERAZZJONI, flimkien ma' deliberazzjonijiet strateġiċi oħra relatati mas-sigurtà interna tal-UE, id-dikjarazzjoni<sup>2</sup> adottata waqt il-Konferenza Ministerjali tal-Proċess ta' Vjenna li saret fit-12 u t-13 ta' April fil-kuntest tal-Forum ta' Salzburg u li haġu sehem fiha għadd ta' Stati Membri tal-UE, u l-intenzjoni espressa fiha li ssir ħidma lejn Unjoni tas-Sigurtà tal-UE li hija ffokata fuq iċ-ċittadin, reżistenti għall-kriżijiet u orjentata lejn il-futur, b'koordinazzjoni mill-qrib bejn presidenzi passati u futuri tal-Kunsill,

---

<sup>1</sup> 11968/17

<sup>2</sup> 8934/18

WAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol ċentrali tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI), kif stabbilit mill-Artikolu 71 TFUE, fl-iżgurar li l-kooperazzjoni operazzjonali tiġi promossa u msaħħa fl-Unjoni u fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna,

1. JOSSERVA li d-direzzjoni strateġika tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-sigurtà interna titlob l-approfondiment tal-approċċ integrat u olistiku fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja kif stabbilit fit-trattati tal-UE, sabiex l-Istati Membri jkunu appoġġati fl-oġettiv prinċipali tagħhom li jggarantixxu s-sigurtà interna.
2. JAPPOĠĠA li jkunu involuti l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-korpi, l-aġenziji u partijiet ikkonċernati oħrajn rilevanti fid-diskussjonijiet orjentati lejn il-futur fi stadju bikri, u t-trattament ta' kwistjonijiet trasversali bl-aktar mod komprensiv u integrat possibbli.
3. JISSOTTILINJA l-użu komplementari u ad-hoc tal-formati ta' diskussjoni informali biex jiġi appoġġat eżami olistiku u fil-fond ta' kwistjonijiet rilevanti.
4. JENFASIZZA li l-isfidi preżenti u futuri fil-qasam tas-sigurtà interna jirrikjedu interazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati kollha fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri.
5. JINNOTA li ħidma f'formati ta' diskussjoni informali kienet ta' kontribut għad-diskussjonijiet dwar id-direzzjoni strateġika futura fil-qasam tas-sigurtà interna.
6. JISTIEDEN lill-Presidenzi futuri rilevanti b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni biex jibdwu diskussjonijiet, kif adattat, dwar id-direzzjoni strateġika futura fil-qasam tas-sigurtà interna.
7. JISTIEDEN lill-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI), kif meħtieġ, f'konformità mal-mandat tiegħu u flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex jiddiskuti d-direzzjoni strateġika futura fil-qasam tas-sigurtà interna, l-isfidi ewlenin tagħha u kwistjonijiet trasversali.